MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 76/2010

**Joseph Muscat (K.I. 460671M),**
**Gerald Muscat (K.I. 545448M) u**
**Robert Muscat (K.I. 394074M)**

**vs**

**Ertugrul Ramazan (K.I. 191900L) f'ismu proprju u f'isem il-kumpanija Bosphorous Co. Limited**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tliet elef u erba' mitt ewro (€3,400) rapprezentanti arretrati ta' hlas ta' kera ghal fond numru 3, St George's Junction, San Giljan, liema fond gie mikri lilu in forza ta' skrittura privata, kif ukoll arretrati ta' dawl u ilma li gie kkonsenjat minnu waqt il-perjodu tal-kirja.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenuti *pro et nomine* fejn qal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Sema’ x-xhieda ta’ Joseph Muscat, Ertugrul Ramazan u Anabelle Camilleri.

Sema’ t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Mill-provi attrici jirrizulta li l-attur flimkien ma’ huh, Robert u missieru Gerald Muscat huma proprjetarji ta’ fond numru 3, St George’s Junction, (Qasam ta’ San Gorg) San Giljan. Illi dan il-fond kien mikri lil Ramazan Ertugrul skont ftehim ta’ kera ezebit a fol. 23 u mmarkat JM1. Illi din l-iskrittura saret fil-21 ta’ April, 2004 bejn l-atturi u l-konvenut ghan-nom u fl-interess tas-socjeta’ kummercjali Bosphorous Limited fejn gie mikri lill-attur *nomine* l-hanut bl-isem: ‘*Istanbul Kebab House’*, numru 3, St George’s Junction, San Giljan, ghal hames snin bil-kera ta’ LM5 ta’dak iz-zmien kuljum. Illi t-talba ta’ €3,400 hija maqsuma bejn l-arretrati ta’ kera li jammontaw ghal elf, sitt mija u hdax-il ewro (€1611) arretrati ta’ sitt xhur filwaqt illi elf, seba’ mija u disgha u tmenin ewro (€1789) huma spejjez inkorsi ghall-uzu ta’ dawl u ilma. Illi skont il-klawzola tmienja (8) tal-ftehim, il-kontijiet tad-dawl u ilma kellhom jithallsu mill-inkwilin.

Illi skont ‘Dok JM2’ li huwa l-kont numru 11134606-1 mahrug mill-‘*Water Services Corporation’* huwa kont li jsejjah perjodu bejn 21 Ottubru, 2008 sat-30 ta’ April, 2009 u li huwa l-fond Il-Qasam ta’ San Gorg , San Giljan destinat lil ‘*Home Internet Café’* li bhala isem gie kkonfermat li huwa l-istess isem tal-fond mikri. Illi dan il-kont isejjah l-istess fond mikri lis-socjeta’ konvenuta. Illi dan il-kont huwa ta’ elf seba’ mija, sebgha u hamsin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€1757.81). Jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta kienet ivvakat il-fond fl-gheluq il-kirja u

cioe' fl-ahhar ta' April, 2009 izda s-socjeta' konvenuta ma kienetx hallset l-arretrati u lanqas il-kontijiet tad-dawl u ilma. L-attur *nomine*, Jospeh Muscat, fix-xhieda tieghu spjega kif il-kont baqa' f'isem '*Home Internet Café'* izda huwa l-istess fond mertu ta' din il-kawza.

Illi mill-provi tas-socjeta' konvenuta Ertugrul Ramazan ikkonferma kif il-fond kien gie mikri lis-socjeta' konvenuta u mhux f'ismu personalment. Illi huwa dejjem kien hallas l-kera fil-hin. Mistoqsi sabiex jipproduci l-ircevuti tal-hlas ix-xhud Ertugrul Ramazan, ikkonferma li huwa l-firmatrju tal-ftehim tal-kera u qal ukoll illi fuqu ma kellux l-ircevuti tal-hlas li kien ghamel. Qal ukoll illi rigward il-kontijiet tad-dawl u l-ilma dovti mis-socjeta' konvenuta huwa dispost ihallas sad-data li huwa kien okkupa l-fond. Qal ukoll illi huwa kien ha l-qari tal-*meter* tad-dawl u l-ilma izda ma jiftakarx x'kien il-qari.

It-Tribunal jirrilleva li l-ircevuti tal-allegat hlas li kienet ghamlet is-socjeta' konvenuta lill-atturi kemm tal-kera kif ukoll tad-dawl u l-ilma, baqghu ma gewx prodotti in sosten tal-allegat hlas li Ertugrul kien qal li ghamel ghan-nom tas-socjeta' konvenuta.

It-Tribunal jikkonferma li mid-dokumenti ezebiti, l-iskrittura privata saret ma' Ramazan Ertugrul ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Bosphorous Company Limited u ghaldaqstant, Ramazan Ertugrul, f'ismu proprju ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi mix-xhieda tal-'*Water Services Corporation'* gie kkonfermat illi Ramazan Ertugrul ma kellu ebda kont f'ismu li jsejjah l-indirizz msemmi mill-atturi.

It-Tribunal, wara li sema' u evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu, huwa sodisfatt illi l-konvenut f'ismu, Ramanzan Ertugrul, ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Illi mill-provi, t-Tribunal huwa sodisfatt illi l–atturi ppruvaw illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici lejhom ghall-arretrati ta' kera dovuti minnha u kif elenkat minn Jospeh Muscat fis-somma ta' elf, sitt mija u hdax-il ewro (€1611). Illi s-socjeta' konvenuta kellha tipproduci prova li hallset dawn

l-arretrati izda naqset milli tipproduci dawn l-ircevuti ghalkemm kien qal li ma kellux dawn l-ircevuti fuqu izda baqa’ qatt ma ppruva l-hlas li allegatament qal li kien ghamel.

Illi wara li sema’ u evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu, jirrizulta lit-Tribunal illi l-arretrati mitluba mill-atturi kif ukoll il-kontijiet tad-dawl u ilma mertu tal-kawza sal-lum ghadhom dovuti mis-socjeta’ konvenuta, cioe’ ‘*Bosphorous Company Limited’*. Illi huwa car lit-Tribunal li sal-lum l-ammonti baqghu ma thallsux mill-istess socjeta’ konvenuta.

It-Tribunal ra li l-kont tad-dawl u l-ilma ezebit in atti, huwa fis-somma ta’ elf, seba’ mija u sebgha u hamsin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€1757.81) u li huwa datat sat-30 ta’ April, 2009. Illi t-Tribunal sema’ lill-attur *nomine* jixhed illi l-arretrati dovuti mill-inkwilin huma ta’ elf, sitt mija u hdax-il ewro (€1611). Illi meta t-Tribunal ghadd flimkien €1611 (arretrati kera) u €1757.81(kontijiet dawl u ilma) ra li flimkien l-ammont tat-talba ghandha tkun tliet elef, tliet mija, tmienja u sittin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€3368.81) u mhux fis-somma kif mitluba u dan ukoll kif gie kkonfermat mill-attur *nomine* Joseph Muscat fix-xhieda tieghu stess.

Ghar-ragunijiet hawn imsemmija, t-Tribunal jidhirlu li fil-mertu, l-attur ipprova l-kaz tieghu. Ra li l-konvenut Ramazan Ertugrul mhuwiex il-legittimu kuntradittur f’din il-kawza u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Izda fil-mertu, ghalkemm l-attur pprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal, huwa ma jistax jakkolji l-ammont kollu tat-talba ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici *in parte* u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta ‘*Bosphorous Co Ltd’* ihallas lill-atturi *nomine* fis-somma limitata ta’ tliet elef, tliet mija, tmienja u sittin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€3368.81) bl-ispejjez u bl-

imghaxijiet mit-30 ta’April, 2009 sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------